MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1222/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Anthony Grech u l-istess Anthony Grech f'ismu proprju**

**vs**

**Francis Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erbgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm94.60), jew somma verjuri, danni mhallsa, fuq vettura DAF 831 assigurata comprehensive u ghal liema somma tinsab surrogata fid-drittijiet ta' Anthony Grech u dan b'rizultat ta'**

**habta li grat fl-4 ta' Settembru 2002, go Birkirkara, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura FBS 015 u habat mal-vettura DAF 831 ta' Anthony Grech u misjuqa minn George Montanaro u ghal liema ncident il-konvenut kienet responsabbli.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Ottubru 2002, u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar 2004, u bl-imghax tat-8% fuq erbgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm94.60) mis-27 ta' Frar 2004, sal-hlas effettiv, u nkluz hmistax-il lira (Lm15) konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-5 ta' Novembru, 2004. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erbgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm94.60) bl-imghax legali mis-27 ta' Frar 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Ottubru 2002, u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar 2004, u nkluzi hmistax-il lira (Lm15) konsult, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------